MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 290/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**James Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra James Galea talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe` fi Triq ix-Xaghra tal-Knisja, Mgarr, Malta, nhar-is- 6 ta' Lulju 2008 ghall-habta ta' 12.30 hrs:

(1) Hebb kontra l-persuna ta' Norbert Muscat sabiex jingurjah, idejqu u/jew jaghmillu l-hsara u kkagunalu griehi ta' natura hafifa hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Antoine Chircop M.D.;

(2) Hebb kontra l-persuna ta’ Emanuel Muscat sabiex jingurjah, idejqu u/jew jaghmillu hsara;

(3) Volontarjament kiser il-paci pubblika b’ghajjat, storbju, glied u/jew b’mod iehor;

(4) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAB-959 b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’mod perikoluz;

(5) Ghalkemm minghar hsieb li jaghmel reat iehor, dahal fid-dar numru 12, Triq San Pawl, Mgarr, Malta, proprjeta` ta’ Salvina Muscat wara li kien gie mwissi minnha li m’ghandux jidhol jew dahal bil-mohbi taghha jew bi skuza falza jew b’qerq iehor.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Norbert Muscat u Emanuel Muscat jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, u turbot lill-imsemmi James Galea b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi James Galea hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minnhom lliberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fil-21 ta’ Ottubru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti, u cioe` li l-ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha

minghajr ma halliet lill-Pulizija tipproduci b'appogg ghall-akkuza, prova indispensabbli u ammissibbli skond il-ligi peress illi dik il-Qorti ddecidiet il-kaz fin-nuqqas tax-xiehda ta' Norbert u Emanuel Muscat. L-appellant jghid illi dawn iz-zewg xhieda kienu gew notifikati sabiex jidhru ghas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2008 kif jidher mir-riferti esebiti, u l-ufficjal prosekutur qatt ma rrinunzja ghalihom. Skond l-appellant l-indispensabbilita` ta' dawn ix-xhieda tohrog cara mill-fatt li kienu huma l-vittmi ta' l-aggressjoni ta' l-appellat. Jghid illi gie ribadit minn dawn il-Qrati illi meta xhud ikun debitament notifikat u tali xhud ma jidhirx quddiem il-Qorti biex jixhed, dik il-Qorti ghandha, sakemm il-prosekuzzjoni ma tkunx iddikjarat illi rrinunzjat ghald ak ix-xhud, u kemm-il darba dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-prosekuzzjoni, tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhud skond il-ligi. Il-fatt li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi xi tressaq b'ebda mod ma tista' tigi interpretata li l-prosekuzzjoni kienet qed tirrinunzja ghax-xhieda. Rinunzja simili trid tkun cara u esplicita. Inoltre, jissokta l-appellant, gie deciz minn dawn il-Qrati illi fil-kazijiet *ex officio* fejn il-prosekuzzjoni tal-kaz titmexxa minghajr il-kwerela tal-parti leza, ma tistax tintlaqa' talba ghal liberatorja taht l-artikolu 374(d) tal-Kap. 9. F'dan il-kaz l-interess kien tal-partijiet, fuq naha l-Pulizija u fuq in-naha l-ohra l-imputat u xhud ma jistax jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-deposizzjoni tieghu kif effettivament gara f'dan il-kaz. L-appellant isostni illi dak li kellha taghmel l-ewwel Qorti kien li tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhud skond il-ligi u mhux li tghaddi ghal-liberazzjoni ta' l-appellat.

Minn dan jidher car illi dan hu appell li jirrigwarda n-nullita` tal-procediment quddiem l-ewwel Qorti u ergo tas-sentenza appellata li segwiet tali procediment. Mill-verbal ta' l-unika seduta li nzammet quddiem l-ewwel Qorti fis-7 ta' Ottubru 2008 jirrizulta li meta ssejhet il-kawza deher l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Edmond Cuschieri u l-imputat assistit minn Dott. Anglu Farrugia. Imbaghad gie verablizzat hekk:

**"Gew prezentati riferti posittivi tal-kwerelanti Norbert Muscat u Emanuel Muscat li msejhin diversi drabi ma dehrux.**

**Il-prosekuzzjoni tiddikjara li ma ghandhiex aktar provi xi tressaq.**

**Il-kawza giet deciza."**

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat minhabba "nuqqas ta' provi". Issa, mir-riferti esebiti a fol. 6 u 7 tal-process jirrizulta illi kemm Norbert Muscat kif ukoll Emanuel Muscat gew debitament notifikati bl-avviz ta' smiegh tal-kawza. M'hemm l-ebda dubju illi dawn iz-zewg xhieda kienu almenu tnejn mix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni. Quddiem din il-Qorti, Dott. Edward Gatt ghall-appellat stqarr illi effettivament dawn iz-zewg xhieda kienu prezenti fil-bini tal-Qorti izda rrifjutaw li jidhlu minghajr il-prezenza ta' l-Avukat taghhom. Anki jekk stess din kienet ir-raguni ghaliex ma dehrux quddiem l-ewwel Qorti, din ma kinitx raguni valida biex dik il-Qorti tiddeciedi kif iddecidiet.

Kif intqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mark Heraghty** moghtija fit-28 ta' Settembru 2006 dwar sitwazzjonijiet fejn ma jidhrux xhieda:

**"Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenzi taghha fil-kazi *'Il-Pulizija vs. Clive Debono'* [14.9.2004], *'Il-Pulizija vs. Anne Montfort'* [30.9.2004], u *'Il-Pulizija vs. Kevin Debono'* [1.6.2006] kellha okkazjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghal dan it-tip t'incident u ccitat b'approvazzjoni s-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: *'Il-Pulizija vs. Mario Saliba'* [15.10.1982], *'Il-Pulizija vs. Mario Magri'* [28.5.1993], *'Il-Pulizija vs. Francis Callus'* [30.9.1993], *'Il-Pulizija vs. Anthony Zarb'* [22.10.1993], *'Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et'* [3.12.1993] u *'Il-Pulizija vs. Francis Borg'* [10.12.1993].**

**"Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali *'Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri'* [5.1.1996] li, ladarba x-xhud**

**ikun debitament notifikat u <u>sakemm il-partijiet ma jirrinuzjawx ghalih</u> (enfasi ta' din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441(4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap. 9 (App. Krim. *'Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia* [25.7.1994] u ohrajn).**

**"'Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell, l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe` l-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap. 9, l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara App. Krim. *Il-Pulizija vs Pierre Schembri* [8.1.1996] u ohrajn).'"**

F'dan il-kaz, minkejja li kien hemm riferti pozittivi dwar ix-xhieda Norbert Muscat u Emanuel Muscat, l-ewwel Qorti ma ddifferietx il-kawza ghal data ohra u ordnat li dawn ix-xhieda jingiebu quddiemha okkorrendo b'mandat ta' akkumpanjament jew addirittura t'arrest, kif kien indikat li kellha taghmel fic-cirkostanzi, specjalment ladarba kien jidher li dawn kienu xhieda principali jekk mhux ukoll ix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni. Barra minn hekk ma jirrizultax illi l-prosekuzzjoni kienet irrinunzjat ghalihom. Kif intqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Baldacchino** deciz fit-12 ta' Settembru 2008:

**"Dak li, mill-atti, jirrizulta li gara hu li ghall-udjenza tal-15 ta' Mejju 2008 ix-xhud Amy Saliba – kjarament xhud importanti ghall-kaz tal-prosekuzzjoni – kienet debitament ingunta, kif jirrizulta mir-riferta ezibita a fol. 3 ta' l-atti. Din giet imsejha diversi drabi izda baqghet ma tfaccatx. Huwa minnu li fil-verbal ta' l-udjenza in kwistjoni hemm registrat – wara li jinghad li din ix-xhud issejhet diversi drabi u baqghet ma dehritx – li "l-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li m'ghandux provi x'jipproduci", izda tali dikjarazzjoni**

**b'ebda mod ma tista' tigi interpretata li l-prosekuzzjoni kienet qed tirrinunzja ghal din ix-xhud. Rinunzja simili trid tkun cara u esplicita. Hemm sensiela ta' sentenzi li jipprovdu x'ghandu jsir f'kaz simili. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tad-19 ta' Mejju 1995 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Louis Farrugia, u ghad-diversi sentenzi msemmija f'dik l-istess sentenza. Jizdied jinghad li l-kawza odjerna ma hix kawza privata, fejn il-prosekuzzjoni qed titmexxa mill-parti leza, izda – kif tixhed it-tahrika a fol. 1 ta' l-atti – kawza tal-pulizija fejn il-prosekuzzjoni qed titmexxa proprju mill-pulizija. Mhux accettabbli li f'tali kawza xhud, bin-nuqqas ta' dehra tieghu jew taghha, jistronka jew tistronka l-azzjoni li hi essenzjalment wahda pubblika, flok ma l-istess xhud jigi kostrett jidher jew tigi kostretta tidher b'mandat ta' arrest jew mandat ta' skorta."**

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 u li jinkwadra pjenament taht l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kap. 9, li proprju jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali f'kazijiet analogi.

Bhalma ntqal diversi drabi minn din il-Qorti, kif presjeduta u anke diversament presjeduta, hija tifhem u tapprezza s-sens ta' frustrazzjoni li jista' jkollha l-ewwel Qorti meta tara li minhabba l-assenza ta' xi partijiet, xhieda, avukati jew prosekuturi, ma tkunx tista' twettaq il-programm ta' xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Izda, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u, biex ma ccahhadx lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jinstema' u jigi deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------